**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 154/2017**

**YQ (l-ilmentatur)**

**vs**

***GlobalCapital Financial Management Ltd.***

**(C 30053) (il-provditur tas-servizz)**

**Seduta tas-17 ta' Frar 2020**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment fejn fis-sustanza l-ilmentatur jissottometti illi:**

Huwa tilef is-somma ta'£3,186.86 minn fuq il-PATF TEP NO 2 (fil-qosor TEP 2) liema investiment kien sar f'Ottubru 2004.

L-ilmentatur isostni li dan it-telf sehh minhabba li l-provditur tas-servizz kiser l-obbligi fiducjarji tieghu, *mis-selling*, negligenza grossolana, parir hazin peress li l-prodott irrakkomandat ma kienx idoneju u addattat ghac-cirkostanzi tieghu u tal-attitudni tar-riskju tieghu, mizrapprezentazzjoni tar-riskju, kif ukoll ingann kif ittiehdet id-dokumentazzjoni kif gie spjegat f'paragrafu 9.i u 9.ii taht Konkluzjonijiet.

Talab lill-Arbitru:

(i) jilqa' dan l-ilment u jiddikjara li l-ilmentatur sofra danni rizultat tan-nuqqasijiet tas-socjetà konvenuta meta din ma mxietx fl-ahjar interess tieghu skont ir-regim regolatorju applikabbli, u l-obbligazzjonijiet fiducjarji taghha applikabbli;

(ii) jilqa' dan l-ilment u jiddikjara wkoll li bl-istess komportament tas-socjetà konvenuta, is-socjetà konvenuta ma adempjietx l-inkarigu u l-obbligi kontrattwali taghha versu l-ilmentatur meta l-agir ilmentat kien

jikkostitwixxi nuqqas ta' sengha u hila, anzi traskuragni u negligenza grossolana, u ghalhekk hatja ta' *investment misselling;*

(iii) konsegwentament, jiddikjara li s-socjetà konvenuta ghandha taghmel tajjeb ghad-danni u t-telf kollu li garrab l-ilmentatur, inkluz in-nuqqas ta' dhul;

(iv) jillikwida d-danni u t-telf hekk sofferti fis-somma ta' Liri Sterlini 3,186.86, rapprezentanti kapital mitluf ta' 20.2% tal-kapital investit, flimkien mal-imghax kif mitlub hawn taht;

(v) jikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas imghax b'rata ragonevoli:

(a) ghall-perjodu bejn meta nxtara l-PATF TEP 2 fit-18 t'Ottubru 2004, sa ma nbiegh fit-30 ta' Mejju 2012, fuq is-somma investita ta' Liri Sterlini 15,792.13;

(b) ghall-perjodu minn meta gie rrealizzat it-telf ta' Liri Sterlini 3,186.86 fit-30 ta' Mejju 2012 sad-data tal-hlas effettiv fuq is-somma tat-telf ta' Liri Sterlini 3,186.86;

Illi, peress li matul il-perjodu tal-investiment l-ilmentatur ma rcieva l-ebda imghax, ma hemmx imghax xi jrid jitnaqqas mill-imghax kif ikkalkolat skont (a) u (b) hawn fuq;

(vi) jikkundanna lis-socjetà konvenuta ghall-ispejjez legali.

Illi, bil-hsieb li jkun ragonevoli u ekwu fit-talbiet illi qed jaghmel, l-ilmentatur umilment jistqarr li r-rata ta' imghax ekwa ghal dan il-perjodu partikolari ghandha tkun wahda ekwivalenti ghal rendiment li kien dak iz-zmien kompatibbli mal-attitudni ta' riskju kawt tieghu u idonju ghalih, bhalma kien ikun ir-rendiment annwali fuq *bond* tal-Gvern Malti ta' 10 snin u li seta' nxtara fl-istess zmien, jigifieri fit-18 t'Ottubru 2004. Din ir-rata hija wahda ta' 4.77% *per annum* fuq il-*Malta Government Stock 7% 2014 IV,* kif evidenzjat minn dokument tal-Bank Centrali ta' Malta hawn mehmuz.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li tghid:**

1. Illi, preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet kollha, ma huwiex car x'inhu l-ilment imressaq kontra l-eccepjenti – hemm hjiel sia ta' allegazzjoni ta' '*mis-selling'* u sia ta' allegazzjoni ta' qerq u ingann [u necessarjament allura vizzju ta' kunsens] (ara para. 8.1 tal-ilment) – u ghalhekk l-ilmentatur naqas milli jfisser b'mod car u sewwa x'inhu l-bazi tal-ilment tieghu u konsegwentement l-ilment tieghu huwa null;

2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-talbiet tal-ilmentatur in kwantu bbazati fuq responsabbiltà extra kontrattwali huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-talbiet tal-ilmentatur inkwantu bbazati fuq responsabbiltà kontrattwali huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, tenut kont l-allegazzjoni ta' qerq u ingann sia in kwantu t-tehid ta' firma, l-azzjoni odjerna hija perenta *ai termini* tal-Artikolu 1222(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu l-ilmentatur qed jallega qerq u/jew vizzju tal-kunsens;

5. Illi, preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccepjenti ma hijiex il-legittimu kontradittur tal-ilmentatur, u hija s-socjetà emmetrici estera li ghandha twiegeb ghat-talbiet tal-ilmentatur;

6. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-ewwel (1) talba tal-ilmentatur hija infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu s-socjetà intimata imxiet fl-ahjar interess tal-klijent taghha u s-socjetà intimata ma naqsitx mill-obbligi regolatorji u fiducjarji taghha meta bhala intermedjarja licenzjata taht l-Att Dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370) bieghet il-prodott 'The Protected Asset TEP Fund No. 2-GBP' lill-ilmentatur kif allegat minnhom; fil-fatt l-eccepjenti ma tistax tinsab responsabbli ghal telf li sehh f'investiment li hi ma kenitx qieghda tiggestixxi, in kwantu agixxiet biss bhala intermedjarja fil-bejgh tal-investiment bejn l-emmettur tal-prodott u l-investitur;

7. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-tieni (2) talba tal-ilmentatur hija infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu ma hux minnu li s-socjetà intimata ma adempjietx l-inkarigu u l-obbligi kontrattwali taghha; is-socjetà intimata ma agixxietx b'nuqqas ta' sengha u hila, traskuragni u negligenza grossolana, *culpa lata* u *recklessness* kif qed jallega l-ilmentatur; is-socjetà intimata ma wettqet ebda *investment misselling* u tafferma illi fil-mument li l-ilmentatur akkwista l-investiment in kwistjoni, dan l-investiment fl-isfond tal-informazzjoni li kienet tezisti dwaru u abbazi tal-informazzjoni li kellha s-socjetà intimata minghand l-ilmentatur stess kellu l-premessi kollha sabiex fil-fehma ragonevoli tas-socjetà intimata jinbiegh lill-ilmentatur; Illi ghalhekk din it-talba tal-ilmentatur hija kompletament bla bazi u infondata fil-fatt u fid-dritt;

8. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-talbiet l-ohra tal-ilmentatur numri tlieta (3) u erbgha (4) huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu s-socjetà intimata mhix responsabbli versu l-ilmentatur ghal ebda telf jew dannu li setghu gew sofferti mill-ilmentatur, la minhabba xi komportament negligenti, la minhabba xi '*investment misselling'* u lanqas minhabba xi komportament iehor kif allegat fl-ilment tal-ilmentatur u ghalhekk is-socjetà intimata ma ghandhiex tigi kkundannata thallas l-ebda ammont in linea ta' telf, dannu jew reintegrazzjoni lill-ilmentatur u t-talbiet fl-ilment tal-ilmentatur ghandhom jigu respinti;

9. Illi inoltre, fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, r-raba' (4) talba fl-ilment tal-ilmentatur ghall-hlas tas-somma ta' GBP3,186.86 ma tistax tintlaqa' sakemm l-ilmentatur ma jipprovax id-dannu jew telf verament soffert minnu, li anke jekk ghall-grazzja tal-argument, jirrizulta li l-ilmentatur garrab xi telf fuq l-investiment in kwistjoni, b'daqshekk ma jsegwix illi s-socjetà intimata hija responsabbli ghad-dannu jew telf soffert, fl-ahhar mill-ahhar dan kien investiment;

   Illi l-ilmentatur irid jipprova li dak ilmentat minnu kien effettivament il-kawza prossima ghat-telf minnu allegat u l-oneru tal-prova huwa fuq l-ilmentatur li jrid jipprova sodisfacjentement in-ness kawzali bejn l-ilment dwar is-servizz u d-dannu effettiv;

10. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-talbiet ghall-imghaxijiet - talba erbgha (4) u hamsa (5) tal-ilment tal-ilmentatur hija kompletament infondata fl-fatt u fid-dritt; Illi apparti l-fatt li la l-kapital u lanqas id-dhul jew tkabbir kapitali ma kienu garantiti mis-socjetà intimata, jigi sottomess illi l-ilmentatur ghamel l-investiment *de quo* fl-2004, jigifieri erba' snin biss qabel l-akbar krizi fis-swieq finanzjarji li rat id-dinja mis-snin 1930 'l hawn.

    Ghalhekk tenut kont tal-andament tas-swieq finanzjarji fiz-zmien in kwistjoni, l-ilmentatur ma jistax jassumi li kieku investa flusu f'investiment iehor il-kapital tieghu kien ser jibqa' shih u/jew li kien ser jaghmel xi dhul mill-investiment tieghu; Illi aktar minn hekk, dan l-investiment ma hux wiehed li jirrendi dhul, kif huwa indikat fl-ewwel sentenza tal-*File Note* iffirmat mill-ilmentatur u, ghalhekk, l-ilmentatur ma setax jippretendi li jiehu xi imghaxijiet minnu;

11. Illi b'rizultat tal-eccezzjonijiet surriferiti, s-sitt (6) talba ghall-ispejjez legali hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta;

12. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez ta' dawn l-istanzi ghandhom jigu sopportati mill-ilmentatur.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra**

**Eccezzjonijiet Preliminari:**

***Nullità***

L-ewwel eccezzjoni tal-provditur tas-servizz hija fis-sens li l-ilmentatur naqas li jsemmi b'mod car x'inhu l-bazi tal-ilment u, ghalhekk, l-ilment tieghu huwa null.

L-Arbitru jqis din l-eccezzjoni bhala wahda fiergha ghaliex dawn il-proceduri ma jimportaw l-ebda nullità peress li min jaghmel l-ilment jista' jaghmlu minghajr

ebda formalità. L-ilment fih dak kollu li tirrikjedi l-ligi u, ghalhekk, m'hemm xejn nieqes minnu.

Barra minn hekk, il-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta ma jsemmi l-ebda nullità f'dan ir-rigward, anzi l-process ghandu jkun wiehed informali, ekonomiku u mhaffef kif inhuwa mistenni minn skema ta' ADR (*Alternative Dispute Resolution*) bhalma hu l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji. B'zieda ma' dak li ntqal jidher li l-provditur tas-servizz fehem sew ezattament x'ried jghid l-ilmentatur tant li ghamel risposta u nota ta' sottomissjonijiet dettaljati u b'hekk ma sofra l-ebda pregudizzju.

Ghal dawn il-mottivi din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

***Eccezzjonijiet dwar Preskrizzjoni***

Il-provditur tas-servizz ta tlett eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni ibbazati fuq l-Artikolu 2153 , 1222 (1) u 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16, l-Arbitru kellu diversi okkazjonijiet, anke f'decizjonijiet precedenti kontra l-istess provditur tas-servizz, fejn wasal ghall-konkluzjoni li l-ilment m'huwiex ibbazat fuq htija akkwiljana, izda anke f'dan il-kaz huwa manifestament iddikjarat li qed jimmira ghal nuqqasijiet f'obbligazzjonijiet ta' natura kuntrattwali.

Kif gie ritenut mill-Qrati taghna, l-Artikolu 2153 jittratta dwar danni akkwiljani. Fil-*kawza* ***Go p.l.c. vs Charles Dimech*****,**[1] il-Prim'Awla tal-Qorti Civili qalet hekk:

*'Il-Qrati taghna dejjem irritennew illi il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-Artikolu 1917 ta' l-Ordinanza VII tal-1868 (dak li illum hu l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili) hija applikabbli ghad-danni extra-kontrattwali jigifieri dawk li gejjin mhux minn inadempjenza ta' obbligazzjoni imma "ex delictu vel quasi". Meta d-danni huma "ex contractu" ghax gejjin minn vjolazzjoni ta' obbligazzjoni, l-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin u mhux ta' sentejn.'*

Barra minn hekk, kif intqal fil-kawza ***Avv Dr. Pio M. Valletta pro et noe vs Jeno Torocsik et*** **deciza fis-7 t'Ottubru 2016:**

[1] PA, 28 ta' Lulju 2011

*'Il-fatt li f'kawza attur jitlob il-likwidazzjoni ta' danni ma jfissirx awtomatikament li allura japplika l-Art. 2153 tal-Kodici Civili: "il-preskrizzjoni ta' sentejn li tolqot l-azzjoni ghal danni li ma jkunux kagunati b'reat," hija applikabbli biss fil-kaz ta' danni indipendenti minn obbligazzjoni kuntrattwali (Stivala vs Colombo, PA, 9/1/1953. VOl XXXVII.ii.622).'*

Ricentament f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Miriam Fenech Russell et vs GlobalCapital Financial Management Ltd.*** **deciza fit-12 ta' Novembru 2019,** l-istess Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni f'dawn ic-cirkostanzi fejn kienet tezisti rabta kuntrattwali, l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 ma japplikax.

It-talba hija bazikament dwar danni kuntrattwali u, ghalhekk, il-preskrizzjoni a bazi ta' dan l-artikolu ma tistax tirnexxi u qed tigi michuda.

L-eccezzjoni l-ohra dwar preskrizzjoni li hija bbazata fuq l-Artikolu 1222(1) tal-Kap. 16, f'dan il-kaz ma tapplikax ghaliex l-ilmentatur mhux jitlob xi rexxissjoni ta' obbligazzjoni.

L-eccezzjoni l-ohra hija bbazata fuq l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

Qabel xejn, l-Arbitru jinnota li r-risposta giet intavolata fil-21 ta' Novembru 2017 u, sa dakinhar, kienu digà fis-sehh l-emendi fil-Kodici Civili dwar il-preskrizzjoni.

Fil-fatt, l-emendi relevanti dahlu fis-sehh fit-13 ta' Jannar 2017.

L-Artikolu relevanti f'dan il-kuntest huwa l-Artikolu 2160 tal-Kap. 16 li jipprovdi:

'2160(1): *Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom**, ma jaghtux gurament minn jeddhom** waqt il-kawza **li mhumiex debituri,** jew li **ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa.'**[2]*

Il-Qrati taghna spjegaw sew kif kellu jimxi min jaghti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni wara t-13 ta' Jannar 2017 meta dahlu dawn l-emendi fil-Kodici Civili.

Fil-kawza fl-ismijiet: ***Bottega Del Marmista Ltd - vs - Paul Mifsud pro et*** **tas-26 ta' Jannar 2018,** il-Qorti tal-Appell, fost affarijiet ohra, qalet:

[2] Enfasi tal-Arbitru

*'Imbaghad fis-seduta tal-25 ta' Jannar, 2017 il-konvenuti xehedu li m'ghandhomx jaghtu lis-socjetà attrici (fol. 38 u 39). Però dan ma kienx kaz fejn il-konvenuti nghataw il-gurament decizorju izda fejn huma xehedu minn jeddhom. Ghalhekk ma jistghux jigu applikati l-principji tal-gurament decizorju.*

*Il-Qorti zzid li bl-Att 1 tal-2017, li dahal fis-sehh fit-13 ta' Jannar, 2017, saret emenda kardinali fl-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili. Qabel dakinhar id-disposizzjoni kienet tikkontempla l-possibiltà lill-attur li jaghti l-gurament decizorju lill-konvenut:*

*"Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa".*

*Bl-emenda li saret bl-Att 1 tal-2017 il-legislatur impona fuq il-konvenut l-obbligu li jiehu l-gurament u fin-nuqqas il-konvenut ma jkunx jista' jiehu beneficcju mill-preskrizzjonijiet qosra.'*

Imbaghad, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet: ***P&S Ltd et vs Noel Zammit et*** **deciza fis-16 ta' Jannar 2018,** tispjega li l-gurament li jrid jiehu l-konvenut **minn jeddu** jrid ikun ukoll ritwalment skont il-formula kif stabbilita fl-Artikolu 2160, u jekk din ir-ritwalità ma tigix osservata ghalhekk il-gurament ma jghoddx u l-konvenut ma jkunx jista' jibbenefika mill-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li jkun ta.

Il-Qorti qalet hekk:

*'Minkejja t-tibdil fil-ligi kif fuq inghad, dawn iz-zewg formuli ta' gurament xorta baqghu sagramentali, u kull devjazzjoni minnhom ma tiswiex ai fini ta' dawn ix-xorta ta' eccezzjonijiet. Li tghid li d-dejn huwa preskritt, minghajr ma tuza t-test li trid il-ligi, ma jiswiex biex tirnexxi din ix-xorta ta' eccezzjoni. Ma hux kompitu tal-Konvenut li jasal ghall-konkluzjonijiet legali. Il-kompitu tieghu hu li jimxi skont dak li jitlob l-artiklu imsemmi. Il-Konvenut imkien ma jghid, lanqas in kontroezami, testwalment, dak li jrid l-artiklu 2160 tal-Kodici Civili.*

*F'dan ir-rigward gie affermat fis-Sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet* ***Tabib Principal tal-Gvern - vs - Georgina Muscat tat-8 ta' Marzu 1978****:*

*"Il-formula tal-gurament hi inalterabbli u l-allegat kreditur ma jistax joqghod jitlob spjegazzjonijiet ohra lill-konvenut, bhal per ezempju il-kawza ta' l-estinzjoni, imma ghandu joqghod strettament ghall-formula tal-gurament, li ghal dik li jirrigwarda l-allegat debitur hi wahda jew l-ohra mit-tnejn specifikati fl-Artikolu 2265(1) (illum 2160(1)] Kodici Civili" 22. Huwa minnu li dan il-bran intqal fid-dawl tal-ligi kif kienet. Izda huwa minnu ukoll, li fil-ligi kif inhi llum, il-formula baqghet hemm u inalterabbli'.*

Fil-kaz li ghandu quddiemu l-Arbitru, il-konvenut m'ghamilx dak mitlub minnu fl-Artikolu 2160 kif spjegat fis-sentenzi 'l fuq imsemmija u, ghalhekk, ma jistax jibbenefika mill-eccezzjonijiet tieghu tal-preskrizzjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-eccezzjonijiet kollha dwar preskrizzjoni qed jigu michuda.

***Legittimu Kontradittur***

Il-provditur tas-servizz jecepixxi li huwa m'huwiex il-legittimu kontradittur imma hija l-kumpanija emmettrici li ghandha twiegeb ghall-ilment.

Jirrizulta kemm mill-atti, kif ukoll mix-xhieda, li l-provditur tas-servizz ta l-parir u kien hu li biegh il-prodott in kwistjoni. L-ilmentatur m'huwiex jallega li l-provditur tas-servizz ma ggestiex tajjeb il-prodott imma li tah parir u bieghlu prodott li ma kienx addattat ghalih u qed jilmenta biss dwar il-parir u l-mod li bih inbieghlu l-prodott.

Il-provditur tas-servizz u l-ilmentatur kellhom bejniethom relazzjoni kuntrattwali u nholqot relazzjoni guridika bejniethom. Ghalhekk il-provditur tas-servizz huwa l-legittimu kontradittur.

**FIL-MERTU**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi dan l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.[3]**

***Il-Verzjoni tal-Ilmentatur***

[3] Kap. 555, Art. 19(3)(b)

L-ilmentatur ipprezenta *affidavit* kif ukoll xehed in kontroezami.

Fl-*affidavit* tieghu,[4] l-ilmentatur jghid li l-ilment tieghu jirrigwardja l-investiment PATF TEP NO 2 (fil-qosor TEP 2) fil-Lira Sterlina li sar fit-18 t'Ottubru 2004 ghal £15,792. Dan inbiegh fit-30 ta' Mejju 2012 ghal £12,605.27, u b'hekk tilef is-somma ta' £3,186. Jallega wkoll li sa ma biegh dan l-investiment ma kien dahhal xejn imghax fuqu.

Li l-provditur tas-servizz huwa responsabbli ghal dan it-telf ghaliex ghamel *mis-selling* mieghu u kien traskurat meta qallu li dan kien investiment *low risk* meta fil-fatt ma kienx.

Barra minn hekk, il-provditur tas-servizz ha l-firma tieghu ghal dikjarazzjonijiet li mhumiex vera u li kienu ntizi biex ikopru r-responsabbiltà taghhom u spiccaw li lanqas tawh kopja ta' dawn l-istess dokumenti.

Sad-data tal-investiment ma kellu l-ebda esperjenza ta' investimenti precedenti hlief ghal investiment wiehed zghir f'ishma tal-BOV li kienu nxtraw meta l-BOV l-ewwel darba gie kkwotat fuq il-Borza ta' Malta fis-snin disghin.

Izid li, minn dokumenti li gew ghandu ricentment, fl-*Account Opening Form and Client Profile* li ttiehdet mill-provditur tas-servizz, hemm imnizzel bil-kitba ta' Oliver Ellul li hu *'does not want to disclose individual funds but he has mainly BOV Funds'.*

Jghid li din id-dikjarazzjoni mhix veritiera ghaliex hu lil Oliver Ellul kien qallu biss li kellu xi ishma tal-BOV u li din id-dikjarazzjoni tal-*advisor* saret biss biex ikopri lilu nnifsu u jkun jista' jinvestilu f'dan il-prodott.

F'dan ir-rigward ipprezenta evidenza mahruga mill-*Valletta Fund Services Ltd*. datata 25 ta' Lulju 2013, li tikkonferma li sal-31 ta' Dicembru 2004, la hu u lanqas martu, u lanqas flimkien, qatt ma kellhom l-ebda investiment f'xi fond tat-tliet *SICAVS* tal-BOV, *cioè*, *La Valette Funds SICAV*, il-*Vilhena Funds SICAV* jew il-*Wignacourt Funds SICAV,* u l-ewwel investiment li ghamlu fihom kien ferm wara l-investiment fit-TEP 2, *cioè*, fl-2009.

---

[4] *A fol.* 261

Jghid ukoll li kien sar jaf b'Oliver Ellul ghax dan kien impjegat tal-HSBC. L-ilmentatur kellu kont ma' dan il-bank u qalulu li l-*fixed deposit* kien ser jaghlaq u kellu jmur il-bank biex jara x'ser jaghmel bil-flus. Oliver Ellul qallu biex ma jergax jinvesti mal-HSBC izda jinvesti mal-*GlobalCapital* fit-TEP 2 kif kien ser jaghmel hu. Qallu li kien ser imur jahdem maghhom u jaqdih hu.

Oliver Ellul cempillu li mar jahdem mal-*GlobalCapital* u heggu biex imur ikellmu fil-fergha tal-*GlobalCapital* f'*The Strand,* il-Gzira.

Fil-5 t'Ottubru 2004, mar f'din il-*branch* u qal lil Oliver Ellul li hlief xi *shares* tal-BOV ma kellu xejn; kellu wkoll xi Lm25,000 *deposit* mal-HSBC u l-BOV u xtaq jinvesti f'investiment kawt u bla ebda riskju ghall-kapital. Ellul tah parir jinvesti f'zewg investimenti li skont hu kienu *low risk.* Dawn kienu (i) Lm5,000 fis-*Societe Generale Income and Capital Guaranteed* u (ii) Lm10,000 fit-TEP 2 li kienu jigu £15,792.

Iffirma d-dokumenti fejn qallu Oliver Ellul u ma inghata l-ebda kopja taghhom.

Sar jaf li l-affarijiet ma kinux sejrin tajjeb f'Gunju 2009 meta rcieva l-*valuation statement* li fit-3 ta' Gunju 2009 kien juri valur tas-suq ta' £10,735. Peress li t-telf baqa' jippersisti, f'April 2012, u permezz ta' *Finco Treasury Management Ltd.*, biegh dan l-investiment fis-27 t'April 2012 u ghamel telf ta' £3,186 jew 20% tal-kapital investit.

Huwa lmenta mal-*GlobalCapital* dwar dan u, peress li ma rcieva l-ebda rispons pozittiv, ghamel ittra ufficjali f'Novembru 2012.

Kien biss permezz tal-MFSA li rnexxielu jikseb kopja tad-dokumenti li kien iffirma ghaliex minkejja intimati, *GlobalCapital* ma baghtulux dawn id-dokumenti.

***Il-Verzjoni tal-Provditur tas-Servizz***

Il-provditur tas-servizz ipprezenta *affidavit* ta' Michael Schembri li ma kienx il-persuna li biegh il-prodott lill-ilmentatur u xehed biss mill-*file* li sab. Lil Oliver Ellul, li kienet il-persuna li bieghet dan il-prodott lill-ilmentatur, il-provditur tas-servizz ghazel li ma jtellghux b'xhud.

Micheal Schembri bazikament xehed li:

Il-prodott li dwaru qed isir l-ilment inbiegh mill-provditur tas-servizz bhala intermedjarju li rcieva l-ordnijiet minghand il-klijent.

Jghid li l-*File Note* kienet xhieda ta' dak li gara meta inghata s-servizz u din kienet fi *standard form* kif anke permess mill-MFSA.

Jghid li l-ilmentatur kien digà midhla tad-dinja tal-investimenti u, skont *Account Opening Form and Client Profile* tal-istess ilmentatur (DOK A), jirrizulta li qabel dahal fl-investiment mertu tal-ilment huwa kellu depoziti ta' Lm30,000 u varji investimenti ta' Lm25,000 li: '*he doesn't wish to disclose individual funds but mainly BOV funds'*. Jghid li dan huwa kkorroborat mid-dikjarazzjoni iffirmata mill-klijent (DOK D).

Jghid li hu kien jaf li hemm riskju ghaliex Oliver Ellul kien qallu li l-investimenti kienu '*Low Risk'*.

Jghid li l-ilmentatur baqa' jinvesti mal-*GlobalCapital* anke wara Ottubru 2004 meta kien inbieghlu t-TEP 2.

Jghid ukoll li kien dikjarat li dan il-fond kien *Accumulator Fund* u, ghalhekk, ma jqassamx imghax jew dividendi imma dak li jkun ikun jista' jbiegh *units* skont il-valur tal-qligh kapitali li jkun ghamel il-fond.

Jghid ukoll li bil-firma tieghu l-ilmentatur iddikjara li kien jaf li l-investiment jista' jitla' u jinzel.

Jixhed ukoll li l-ilmentatur ta struzzjonijiet biex jifdi l-investiment tieghu fi zmien hazin, u fuq parir ta' *Finco Trasury Management Ltd*., kif jirrizulta mill-atti tal-kaz. F'isem l-ilmentatur, *Finco,* irceviet is-somma ta'£12,605.27, u feda fi zmien meta kien hemm *discretion redemption penalty* u ma stenniex sakemm din il-penali titnehha, ghalhekk, tnaqqas mill-kapital tieghu is-somma ta' £663.44 kif jidher mis-*Sale Contract Note* .

Jghid li llum dan l-investiment irkupra u fiz-zmien li sar l-ilment kien jiswa GBP 15,592.65 li hu gwadann sostanzjali fuq dak li dahhal mill-bejgh.

**IT-TEP FUND**

Il-*Protected Asset TEP Fund No 2 (TEP2)* huwa fond ta' investiment kollettiv li jinvesti f'firxa ta' poloz tal-assikurazzjoni fuq il-hajja. Skont id-dokument

imsejjah *Scheme Particulars,* dan l-investiment kien stabbilit fis-sena 2000 f'*Isle of Man*. Peress li kien investiment intenzjonat ghal tip partikolari ta' investituri (*Experienced Investors),* kien ezentat minn certu obbligi regolatorji li normalment huma assocjati ma' fondi ghal konsumaturi *retail*.

Skont dan id-dokument, '*PATF is designed to provide investors with capital growth and relatively low risk through an investment in diversified portfolio of traded endowment policies ("TEPs").'*

Mid-dokument esebit[5] mill-ilmentatur, jirrizulta li dan il-prodott kien intenzjonat ghal '*experienced investors*'.

Fl-introduzzjoni ta' dan id-dokument insibu:

'*The Protected Asset TEP Fund Plc is an open-ended investment company and was incorporated as a public limited company in the Isle of Man with number 101651C on 12th December 2000 with unlimited duration under the Companies Acts 1931 to 1993 of the Isle of Man. PATF is not and need not be an authorised person for the purposes of the Isle of Man Financial Supervision Act 1988.*

***PATF is designed to provide investors with capital growth and relatively low risk through investment in a diversified portfolio of traded endowment policies ("TEPs").***

*Abacus Financial Services Limited will administer PATF, with custodian services being provided by a company which is a member of The Royal Bank of Scotland Group. PATF aims to have the lowest running costs of any existing TEP fund. It should be noted that three of the sub-funds of PATF, The Protected Asset TEP Fund No.2, The Protected Asset TEP Fund Dollar No.2 and The Protected Asset TEP Fund Euro No.2, are subject to certain charges to which the other sub-funds of PATF are not.*

*To ensure cost effective and efficient investment, PATF has arranged to purchase appropriate policies through T.I.S. Group Limited and Absolute Assigned Policies Limited, one of the oldest and largest market makers in TEPs.*

[5] *A fol.* 123 *et seq*

***PATF has been established to enable experienced investors (experienced investors:- "persons who, in relation to any experienced investor fund, are sufficiently experienced to understand the risks associated with an investment in that fund") to invest in the well established traded endowment market efficiently and simply***'.

Hija din id-definizzjoni li kellha tapplika biex jitqies jekk investitur kienx '*experienced investor*' jew le ghax wiehed irid jara lejn min kien qed jindirizza l-prodott min holqu u ghal min kien addattat skont il-kriterji tieghu.

Ghalhekk bilfors li l-Arbitru jrid jara jekk l-ilmentatur, dejjem skont id-definizzjoni ta' '*experienced investor'* kif dettata minn min holoq il-prodott, kienx '***sufficiently experienced to understand the risks associated with an investment <u>in that fund</u>'.***

***Il-Profil tal-Ilmentatur***

L-ilmentatur kien *technician* tar-radju u TV fejn hadem ghal zmien twil go fabbrika u, ftit wara li ghamel l-investiment, hareg bil-pensjoni. Jghid li qabel ma ghamel l-investiment fit-TEP 2, kulma kellu kienu xi ftit *shares* tal-*Bank of Valletta* u qatt ma kien investa fi prodotti ta' investiment bhat-TEP 2.

F'dan ir-rigward, l-Arbitru ma jistax jaghti affidament ghal dak li nizzel l-*advisor* tal-provditur tas-servizz fuq il-*Client Profile* fejn jghid li l-ilmentatur ma riedx jghid x'investimenti kellu '*but he has mainly BOV funds'.*

Dan ghaliex l-ilmentatur irnexxielu jipprova li ma kellu l-ebda *Funds* mal-BOV u pprezenta dikjarazzjoni tal-*Valletta Fund Services Ltd*. li sa Dicembru 2004, jigifieri qabel l-investiment *de quo*, ma kellux dawn l-investimenti. Ghalhekk, l-unika prova li ngabet kienet dik li qabel it-TEP 2, l-ilmentatur kellu biss *shares* tal-BOV.

***Il-Kwistjoni tal-Bejgh***

Il-provditur tas-servizz jghid li l-ilmentatur biegh l-investiment tieghu fi zmien hazin u li kieku hallih hemm, illum dan l-investiment irkupra u ma kienx jaghmel it-telf li ghamel. Qabel xejn, l-Arbitru hu tal-fehma li hadd ma jista' jitkellem ***with hindsight*** u, ghalhekk, wiehed irid jara x'kien ix-xenarju meta l-ilmentatur biegh l-investiment tieghu fl-2012.

L-Arbitru irricerka ftit il-prezzijiet u sab li meta inxtara l-investiment f'Ottubru 2004, il-prezz kien GBP1.1137. Il-prezz sa Ottubru 2008 tela' ghal GBP1.4015. Izda f''Novembru 2008, il-prezz nizel f'daqqa b'40% ghal GBP0.8699. Bejn Novembru 2008 sa Mejju 2012, meta l-investiment gie mibjugh, il-prezz m'ghamilx caqlieq sostanzjali u qatt ma lahaq il-prezz ta' meta nxtara l-investiment fl-2004.

Dak li gara wara l-2012 hadd ma seta' jbassru u hadd ma jista' jitkellem ***with hindsight,*** **ghalkemm xorta wahda (hlief ghas-sena 2017 meta qarreb il-prezz tax-xiri), it TEP 2 qatt ma lahaq il-prezz tax-xiri.**[6] Però, kif inghad, hadd ma jista' jbassar x'ser jigri ghax kieku xi hadd ikollu garanzija li prodott ikun ser joghla, jixtrih bi prezz baxx u jaqla' dejjem.

L-ilmentatur stenna bejn l-2008 (meta nizel hafna) sal 2012 (meta biegh) u sa dakinhar, il-prezz qatt ma lahaq il-livell tal-prezz tax-xiri. Ghalhekk l-ilmentatur ma kienx kapriccuz meta biegh l-investiment.

***Kif inbiegh il-prodott u jekk kienx suitable***

Imma l-aktar punt krucjali hu kif inbiegh l-investiment u jekk kellux jinbiegh lill-ilmentatur. Dan ghaliex jista' jinbiegh prodott tajjeb u jaghmel it-telf u, f'dak il-kaz, ma jkunx sehh *mis-selling*, u jista' jinbiegh hazin u anke jekk isir il-qligh, xorta jista' jkun hemm *mis-selling* tal-prodott. Li jghodd hu kif ikun inbiegh il-prodott.

F'dan il-kaz, mill-analizi tal-prodott aktar 'il fuq f'din id-decizjoni, jirrizulta bl-aktar mod car, li dan l-investiment kien esklussivament ghall-*Experienced Investors*, jigifieri dawk li kienu '***sufficiently experienced to understand the risks associated with an investment in that fund'.***

L-ilmentatur kellu biss ftit *shares* tal-BOV; u x-xiri f'ishma semplici ma jaghtukx dik l-esperjenza li tifhem kif kien jahdem it-TEP 2, jew li tista' tkun konxju tar-riskji li kien igorr mieghu.

Ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz ma mexiex b'onestà u professjonalità meta nizzel fil-*Client Profile* li l-ilmentatur kellu *funds* fil-BOV, kif digà intqal aktar 'il fuq f'din id-decizjoni.

---

[6] http://www.pdlinternational.com/products/patf-no2-sub-fund/fund-price-history.aspx)
http://www.pdlinternational.com/media/65689/np0419-2893_patf%20financial%20statements_web.pdf)

Ghalhekk ma qediex dak li kienu jghidu l-*Investment Services Guidelines - Standard Licence Conditions* mahruga mill-MFSA.[7]

Barra minn hekk, ma agixxiex ta' *bonus paterfamilias* meta kien hemm relazzjoni fiducjarja bejnu u bejn il-klijent.

Izjed minn hekk, il-prodott inbiegh fuq bazi ta' parir u, ghalhekk, tapplika r-regola ta' dak iz-zmien, jigfieri li l-provditur tas-servizz kellu:

'*When providing investment advice or portfolio management services, the Licence Holder must pay due regard to the customer's profile as detailed in the Client Fact Find drawn up in accordance with SLC 3.04, in order* ***to ensure that the advice or portfolio management service provided is appropriate and suitable given the customer's particular circumstances.***'[8]

Barra minn hekk, kellu jara wkoll:

'3.03 e: *taking all reasonable steps to ensure that transactions are suitable for a customer, bearing in mind his objectives;*

*3.03 g. taking all reasonable steps to ensure that a Private Customer has sufficient information which he is able to understand to enable him to take informed investment decisions'.*

L-ilmentatur ma setax jifhem fiex kien ser jinvesti u, ghalhekk, ma setax jiehu decizjoni informata.

Lanqas biss seta' jaqra l-i*Scheme Particulars* ghaliex, kif xehed l-ilmentatur mhux kontradett, wara li ffirma d-dokumenti ma inghata l-ebda dokument mieghu.[9]

Waqt il-kontroezami xehed:

'*Nghid li dan id-dokument (a fol. 23) ma kontx qrajtu. Tkellimna fuq l-investiment, però, ma qaghadx jispjegali d-dokument, x'hemm u m'hemmx.*

[7] Skont l-Art. 19(3)(c) tal-Kap. 555, dawn il-*guidelines* huma wkoll font normattiv li jiggwida lill-Arbitu fid-decizjoni tieghu.
[8] Regola 3.03 c. Enfasi tal-Arbitru
[9] *A fol.* 262

*Nghid li lanqas dokumenti ma kelli u imbaghad sirt naf b'dan id-dokument meta ktibna lill-MFSA u urihohomli s-Sur Bonello ghax ma kellix kopja taghhom'.*[10]

Meta l-provditur tas-servizz kien qed ibiegh dan il-prodott mahsub biss ghall-*Experienced Investors* ma kienx qed jissodisfa '***l-aspettativi ragonevoli u legittimi tal-konsumatur'***[11] fil-mument tal-bejgh, meta l-ilmentatur ma riedx jidhol fi prodott li ma kienx mahsub ghalih bhala *retail client* u li ma kellux l-esperjenza necessarja biex jinvesti fih.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, l-Arbitru jikkonkludi li l-ilment huwa wiehed gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u qed jilqghu sakemm huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni.**

**Kumpens**

L-Arbitru jqis li dan il-kaz huwa differenti mill-Kaz Nru. 379/2016 fl-ismijiet: ***Twannie u Maria Concetta Azzopardi vs GlobalCapital Financial Management Ltd*. deciz mill-Qorti tal-Appell fil-21 t'Ottubru 2019**; u l-Kaz Nru. 414/2016 fl-ismijiet**: *Alfred Azzopardi vs GlobalCapital Financial Mangement Ltd*. deciz ukoll mill-Qorti tal-Appell fil-21 t'Ottubru 2019,** ghaliex f'dawk il-kazijiet l-ilmentaturi kien ghadhom investiti fih meta ghamlu l-ilment u, ghalhekk, il-Qorti tal-Appell iddecidiet li l-kumpens ghandu jinhadem fuq id-differenza bejn il-kapital investit u l-valur tal-investiment fid-data tad-decizjoni tal-Arbitru. Dan il-kaz huwa differenti ghaliex l-investiment inbiegh u gie rrealizzat telf li huwa definit.

Il-provditur tas-servizz jghid li t-telf li sofra l-ilmentatur kien ta' GBP2,524 ghaliex is-somma ta' GBP663.44 kienet minhabba '*discretionary redemption penalty'* ghax ma stenniex sakemm din titnehha. Fil-fatt, din ir-*redemption penalty* ma tnehhietx u ghadha tapplika sa llum bir-rata ta' 2%. Galadarba irrizulta li l-ilmentatur ma kellux jinbieghlu dan il-prodott u kellu gustifikazzjoni tajba biex johrog minnu, hu ghandu jitpogga f'sitwazzjoni fejn jigi moghti t-telf kollu li garrab inkluz ir-*redemtption penalty*. Li kieku ma nbieghlux dan l-investiment ma kien jigi mmultat xejn bhala *redemption penalty.*

[10] *A fol.* 270
[11] Kap. 555, Art. 19(3)(c)

Ghalhekk it-telf li garrab l-ilmentatur hija d-differenza bejn il-valur ta' meta nxtara l-prodott u r-rikavat li dahhal meta bieghu.

L-investiment inxtara bil-prezz ta' GBP15,792.13,[12] u meta nbiegh inghatatlu s-somma ta' GBP12,605.27[13] u, ghalhekk, it-telf kien ta' GBP3,186.86

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lil *GlobalCapital Financial Management Ltd.* thallas lill-ilmentatur is-somma ta' GBP3,186.86, jew l-ekwivalenti fl-ewro, kif jipprovdi l-Artikolu 21(3)(c) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**Bl-ispejjez kontra l-provditur tas-servizz.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

[12] *A fol.* 29
[13] *A fol.* 30